# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru: 65/2014 SG**

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Joseph Camilleri;**

**Mary Rose Camilleri;**

**Nazzarena Camilleri;**

**George Camilleri**

**Illum It-Tnejn, 23 ta' Novembru 2020**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-bank rikorrenti fid-29 ta' Awwissu 2014 fejn ġie premess is-segwenti:

1) *Illi l-Bank rikorrent kien ta b'self lill-konvenuti Joseph Camilleri u martu Mary Rose Camilleri s-somma ta' tnejn u tletin elf u mitejn Liri Maltin (Lm32,200), illum ekwivalenti għal ħamsa u sebgħin elf u ħames ewro, u tnejn u tmenin ewro ċenteżmi (€75,005.82ċ), b'kuntratt li sar fl-atti tan Nutar Mariosa Grech tas-sittax (16) ta'*

*April elfejn u sebgħa (2007). Din il-faċilita' tas-self kienet ġiet mogħtija mill-Bank attur għall-iskopijiet tan negozju tal-intimati – kuntratt esibit u markat 'BOV1';*

2) *Illi b'kuntratt ieħor ukoll tas-sittax (16) ta' April (2007), li sar fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech il-Bank rikorrent kien ta lill-intimati Joseph Camilleri u martu Mary Rose Camilleri faċilita' oħra ta' kont kurrenti għall-ammont li ma jeċċedix ħamest elef Liri Maltin (Lm5,000), illum ekwivalenti għal ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€11,646.87ċ). Din il-faċilita' kienet ġiet mogħtija mill-Bank attur ukoll għall-iskopijiet tan-negozju tal-intimati – kuntratt esibit u markat 'BOV2';*

3) *Illi fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2010, il-konvenuti l-oħra George Camilleri u martu Nazzarena Camilleri, ġenituri tal-konvenut Joseph Camilleri, kienu daħlu f'kuntratt ta' pleġġerija mal-Bank attur fejn kienu għamlu tajjeb għad-dejn li binhom u martu għandhom mal-Bank, u l-konvenuta Nazzarena Camilleri kienet tat b'rahan lill-Bank il-Kont Fiss li għandha fil-Bank HSBC li fih depożitu ta' flus fl-ammont ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il ewro ċenteżmi (€6,988.12ċ), liema Kont iġib in-numru 071-152243-101 - kuntratt esibit u markat 'BOV3';*

4) *Illi l-konvenuti Joseph Camilleri u martu Mary Rose Camilleri ilhom żmien twil li ssospendew il-pagamenti tagħhom mal-Bank, u d-dejn li għandhom mal-bank mhuwiex qed jitħallas u ilu ma jsir ħlas għal dawn l-aħħar sentejn;*

5) *Illi l-Bank attur sejjaħ diversi drabi lill-konvenuti Joseph Camilleri u martu Mary Rose Camilleri sabiex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom mal-Bank u jaġġornaw il-ħlasijiet li kellhom b'lura, iżda billi baqgħu xorta waħda inottemperanti fil-pagamenti, il-Bank talabhom il-ħlas lura tal-bilanċ kollu tad-dejn li fadlilhom iħallsuh, bl-aħħar interpellazzjoni saret permezz ta' ittra ġudizzjarja tad-29 ta' Mejju 2014 (Ittra numru 271/2014), li ma kien hemm ebda tweġiba għaliha mill-konvenuti minkejja li ġiet debitament innotifikata lilhom;*

6) *Illi l-Bank sar jaf ukoll li bejn il-konvenuti Joseph Camilleri u martu Mary Rose Camilleri hemm ukoll pendenti proċeduri ta' separazzjoni quddiem dina l-Qorti fis-Sezzjoni tagħha bħala Qorti tal-Familja, li kompliet tirrendi aktar gravi l-pożizzjoni tad-dejn tal-konvenuti mal-Bank;*

7) *Illi l-bilanc tad-dejn li l-konvenuti Joseph Camilleri u martu Mary Rose Camilleri għandhom mal-Bank f'kapital u mgħax kien jammonta sad-29 ta' Lulju 2014, għal ħamsa u tmenin elf, sitt mija u sebgħa u għoxrin ewro u tlettax-il ewro ċenteżmi (€85,627.13ċ), kif jirriżulta mill-bilanċi tal-erbgħa Kontijiet li minnhom l-intimati ġibdu l-flus - statements tal-Kontijiet esibiti u markati 'BOV4', 'BOV5', 'BOV6', u 'BOV7';*

8) *Illi dan id-dejn huwa wieħed ċert, likwidu, u dovut, u sa fejn jaf il-Bank rikorrent, il-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet validi x'jagħtu kontra din it-t-talba għall-ħlas lura ta' dan id-dejn;*

*Jgħidu għaldaqstant il-konvenuti l-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

(i) *Tiddisponi mit-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12.;*

(ii) *Tiddikjara dovuta lill-Bank rikorrent mill-konvenuti kollha in solidum bejniethom is-somma ta' ħamsa u tmenin elf sitt mija u sebgħa u għoxrin ewro u erbatax-il ewro ċenteżmi (€85,627.14ċ, dovuta ad uellen f'kapital u mgħax in konnessjoni mas-self li sar lill-intimati Joseph Camilleri u martu Mary Rose Camilleri;*

(iii) *Tikkundanna lill-konvenuti kollha solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank rikorrent din is-somma ta' ġamsa u tmenin elf, sitt mija u sebgħa u għoxrin ewro u erbatax-il ewro ċenteżmi (€85.627.14ċ), bl-imgħaxijiet ulterjuri b'effett mit-30 ta' Lulju 2014 sal-effettiv pagament;*

(iv) *Tordna r-rilaxx favur il-Bank attur tal-flus kollha li hemm depożitati fil-Kont numru 071-152243-101 fl-HSBC Bank Malta plc fl-ammont ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro (€6,988), liema Kont bankarju kien ġie mirhun mill-konvenuta Nazzarena Camilleri a favur tal-Bank attur biex bil-flus depożitati fih tagħmel tajjeb għal parti mill-obbligazzjoni tad-debituri prinċipali, u dan bħala parti mill-ħlas lura tas-somma dovuta lill-Bank fuq imsemmija.*

*Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju 2014 [Itttra numru 271/14), kontra l-konvenuti.*

*Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrkin*

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Joseph Camilleri, Mary Rose Camilleri, Nazzarena Camilleri u George Camilleri ppreżentat fl-4 ta' Novembru 2014 li taqra:

1. *Illi in linea preliminari r-rikors promutur ippreżentat mill-Bank rikorrenti jonqos milli jħares rigorożament id-dettami tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili - Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-avviż ta' twissija skond l-Artikolu 167 sub-inċiż (2) kellu jaqra hekk: "Kull min jirċievi dan ir-rikors ġuramentat kontra tiegħu għandu jidher quddiem il-Qorti fid-data u ħin notifikati lilu. Jekk dan ma jsirx, il-Qorti tgħaddi biex tagħti deċiżjoni skond il-Liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tismà x'għandu xi jgħid fil-kawża" u għalhekk stante li l-proċedura ad hoc ma ġietx osservata għandha twassal sabiex ir-rikors*

*promutur jiġi dikjarat irritu u monk u konsegwentement il-proċedura adoperata tiġi ddikkjarata nulla u mingħajr effett;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, it-tieni u t-tielet talba ma jistgħux jiġu milqugħa bil-mod kif proposti stante li l-konvenuti garanti, George u Nazzarena Camilleri, ma jistgħux jiġu dikjarati debituri u konsegwentement jiġu kkundannati jħallsu d-dejn hekk likwidat stante li dan imur oltre mill-garanzija li huma pprestaw lill-konvenuti Joseph u Mary Rose Camilleri;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rabà (4) talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li l-garanti bl-ebda mod ma obbligaw ruħhom illi jagħmlu tajjeb għal djun li ġew ikkuntrattati mid-debituri principali qabel id-data tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, tas-sena elfejn u għaxra (2010), id-data tal-kuntratt tal-garanzija;*

4. *Illi di più, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet precedenti, il-garanti ma għandhom qatt jiġu kkundannati sabiex jagħmlu tajjeb għad-dejn tad-debituri prinċipali qabel ma jiġu eżawriti l-assi tad-debituri prinċipali u għalhekk ir-rabà talba għandha tiġi miċħuda minħabba f'daqshekk;*

5. *Illi fuq kollox u interament mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda in toto bl-ispejjeż kontra l-Bank rikorrenti;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat l-inkartament kollu;

Rat il-verbal magħmul fl-20 ta' Novembru 2020;

Rat iż-żewg noti ppreżentati mill-bank rikorrenti fl-20 ta' Novembru 2020;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qieset li ġiet irtirata r-raba' talba kontenuta fir-rikors ġuramentat b' riżerva għal kap ta' l-ispejjeż u dana stante li l-konvenuti George u Nazzarena Camilleri taw l-kunsens tagħhom u ġew rilaxxati l-flus li kienu taw bi pleġġerija lill-Bank bħala garanzija tas-self meħud mill-konvneuti l-oħra debituri prinċipali. Qieset ukoll in-nota spjegattiva tal-bilanċ li għadu dovut minn Joseph Camilleri u Mary Rose Camilleri. Qegħda wkoll tikkonsidra l-ammissjoni li saret mill-istess Joseph Camilleri u Mary Rose Camilleri waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2020. Qieset ukoll in-natura tal-garanzija li ngħatat minn George u Nazzarena Camilleri. In

vista ta' dan kollu, din il-Qorti sejra tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bil-mod hekk kif imniżżel fid-decide ta' din is-sentenza.

**Decide**

**Ghar-raġunijiet fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qiegħda fl-ewwel lok tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba tal-bank rikorrenti; qiegħda tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-bank rikorrenti limitatament fis-sens illi (i) qed tiddikjara dovuta sat-18 ta' Novembru 2020 lill-Bank rikorrenti mill-konvenuti Joseph Camilleri u Mary Rose Camilleri s-somma ta' mija u disat elef ħames mija u tlieta u erbgħin ewro u sitta u ghoxrin ċenteżmi (€109,543.26ċ), liema ammont huwa maqsum in kwantu ghal sebgħa u sittin elf, tmien mija u tnejn u sittin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€67,862.45ċ) f' kapital u wieħed u erbgħin elf, sitt mija u tmenin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€41,680.81ċ) f' imgħax u (ii) qed tikkundanna lill-istess Joseph Camilleri u Mary Rose Camilleri solidalment bejniethom iħallsu lil bank rikorrenti s-somma mija u disat elef ħames mija u tlieta u erbgħin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmi (€109,543.26ċ), bl-imgħaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Novembru 2020 sal-pagament effettiv.**

**Tordna wkoll li l-ispejjeż kollha relattivi inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju (Ittra Numru 271/14), għandhom jiġu sopportati fl-intier mill-konvenuti Joseph Camilleri u Mary Rose Camilleri.**

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur